MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2014

Numru 746/2013

Il-Pulizija

(Spettur Silvio Magro)

vs

Graziella Pulis

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 215294(M), akkuzata talli:

1. Bejn il-gurnata tat-13 ta' April 2013 u il-31 ta' Lulju 2013 f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom u cioe mobile tal-ghamla Huawei abjad u li sar ghad-detriment ta' Francesco Procopio mill-Fgura, liema oggett gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li jammonta ghal iktar minn 116.57 Euro, imam mhux iktar minn 2329.37 Euro, bi ksur tal-Artikolu 334 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Kodici ta' Malta;

2. Ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqset li tgharraf lill-pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kienet taf bi hwejjeg misruqa u dan bi ksur tal-Artikolu 334A tal-Kapitolu 9 tal-Kodici ta' Malta;
3. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ghamlet vjolazzoni kontra l-propjeta ta' haddiehor ghad-detriment ta' l-istess Francesco Procopio mill-Fgura, bi ksur tal-Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghat lill-imputata tammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni insistiet anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkonsidra;

Fuq tali ammissjoni ssibha u tiddikjarha hatja tal-akkuzi kollha riportati kontra taghha;
Rat l-Artikolu 334(a), (A), 340(d) u 17 tal-Kap 9.

Tiddeciedi li tilliberha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sitt xhur mill-lum fir-rigward tat-tieni u t-tielet tikkundannha ammenda kumplessiva ta'€ 60.

Il-Qorti spiegat lill-imputata r-responsabilitajiet taghhna skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------